**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

ŻGHIR B'QALB KBIRA

# Seduta numru 21 tas-Sitt Leġislatura
# Illum il-Ħamis, 9 ta' Diċembru 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders (Resurfacing ta' Toroq bil-PPP, provista ta' Konkrete u Manteniment tal-Latrini Pubblici)*
5. *Analizi ta' Festival Toghmiet Xitwin*
6. *Attivitajiet tal-Milied*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

**PREŻENTI**

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Vici-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv, Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Ġiet innutata l-korrispondenza segwenti :

- Stedina mill-Mġarr Football Club għall-ftuħ uffiċċjali tal-grawnds il-ġodda;
- Ittra mill-MTA dwar ħmieġ f' Binġemma;
- Kwotazzjoni mingħand David Woodworks dwar xogħol fuq bankijiet;

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku spjega kif hemm diskrepanza sostanzjali bejn it-tender u l-ammont ta' spejjes fix-xogħol ta' l-aluminium fil-partijiet il-ġodda tal-bini amministrattiv. Għaldaqstant il-perit intalab jagħti spejegazzjoni u jagħmel rapport dwar dan.

3.2 Is-Sindku nnota il-ftuħ tal-eżibizzjoni ta' l-Arti tal-pittriċi Franċiża Christianne Peugeot bil-parteċipazzjoni tal-kuratriċi Dame Francoise Tempera. Din il-wirja saret fil-bini tal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku indika wkoll li ser issir eżibizzjoni artistika oħra fil-bini tal-Kunsill ta' pitturi mil-lokalita'. Din l-attivita' ser issir il-Ħamis, 16 ta' Diċembru u għaliha ser jiġu mistiedna wkoll rappresentanti tal-għaqdiet tal-lokalita'. Ġie deċiż li dak in-nhar tal-ftuħ ta' din il-wirja jingħataw ukoll ċ-ċertifikati ta' dawk li ghamlu l-kors tal-presepju.

3.4 Peress li hemm bżonn xi materjal biex jiġi mmoniterjat il-proġett Cypfire, ġie deċiż li jinġabru offerti u kwotazjonijiet għall-dan it-tagħmir.

## 4 *Tenders*

4.1 Dwar it-tenders pendenti, il-perit kien isottometa rapport dettaljat dwar l-offerti tal-Konkrete u tal-PPP. Fih inġibdet l-attenzzjoni li uħud mill-offerti kellhom ċerti partijiet neqsin u għalhekk kella tinħareġ kjarifikazzjoni għall-kull waħda. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ħa direzzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti, inħarġu ittri lill-kuntratturi biex jagħmlu dawn il-kjarifiki. Dawn kollha waslu fiż-żmien stipulat minbarra dak ta' Asfaltar dwar il-Konkrete. Din il-kjarifika ma nfetħitx qabel ma s-Segretarju Eżekkutiv kellu konferma mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill seta jiftaħ din il-kjarifikazzjoni u seta jilqa' jew jirrifjuta din il-kjarifikazzjoni. Fil-fatt, il-Kunsill qabel unaniment li jiftaħ din il-kjarifika imma li ma jilqaħiex ġaladarba waslet wara d-data stipulata.

*Sindku* : *Paul Vella*, *Vici Sindku* : *Eman Vella*
*Kunsillieri* : *Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said*
*Segretarju Ezekuttiv* : *Cyprian Dalli*

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

4.2 Dwar it-tender tal-PPP, deċiżjoni dwar l-aġġudikar ttitieħed f' laqgħa fil-futur qarib.

4.3 Dwar it-tender tal-latrini pubbliċi, il-Kunsill qabel unanimament li jevalwa ftit aktar is-sitwazzjoni u jara jekk din is-sejha tal-offerti tistax taqa'. Għal-dan il-għan, is-Segretarju Eżekkutiv ser jieħu direzzjoni mingħand id-Dipartiment.

**5 Festival Togħmiet Xitwin**

5.1 Saret evalwazzjoni dwar dan il-Festival. Filwaqt li ġi nnuttat li fl-ewwel ġurnata in-nies ikkonkoriet bi ħġarha, fit-tieni ġurnata l-attendenza kienet fqira.

5.2 Waqt l-evalwazzjoni ħareġ il-punt li forsi ma kienx hemm pubbliċita' biżżejjed għall-din l-attivita'. Is-Sur Clayton Gauci ppropona li s-sena d-dieħla jitwaqqaf kumitat li jaħdem għal-dan il-għan. Ġiet diskussa wkoll il-possibilita' li forsi jinbidel il-post fejn issir l-attivita' kif ukoll iż-żmien matul is-sena.

**6 Attivitajiet tal-Milied**

6.1 Bħalma ġa ssemma f' punt 3.3, ser issir eżibizzjoni artistika oħra fil-bini tal-Kunsill ta' pitturi mil-lokalita' għal żmien il-Milied.

6.2 Attivita' oħra ser tkun dik tat-tqassim tal-hampers lin-nies b' disabilita'. Din l-attivita' ser issir fit-12 ta' Diċembru.

6.3 Ġie deċiż ukoll li ssir ikla bejn l-istaff u l-Kunsilliera għall-żmien il-festi.

**7 Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Il-Kunsilliera Eman Vella u Clayton Gauci rrappurtaw dwar il-laqgħa ta' AKL li għaliha attendew. Semmew li waħda mill-aktar punti mportanti kienet il-ħin tal-ftuħ tal-iskola u t-tfal li ma jkunx hemm min jieħu ħsiebhom. Rrappurtaw kif hemm il-pjan li jsir ftehim bejn l-AKL u l-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar din il-problema.

7.2 Is-Sur Eman Vella semma' li kien hemm *wire* tad-dawl tal-festa fi Triq Santa Marija li kien qed ikun ta' periklu u biex dan jiġi rranġat.

7.3 Is-Sur Clayton Gauci semma l-problemi li hemm fil-bozzoz ta' Triq Santa Marija.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

7.4 Ġie deċiż li titkabbar il-*mailbox* tal-*generic email account* tal-Kunsill b' 50MB għal-ħlas anwali ta' € 19.00.

7.5 Ġie deċiż ukoll, li fuq parir tekniku miġbur kemm mingħand l-Eyetech kif ukoll mingħandf il-MITA, minflok *computer* ieħor bħala *file-server* jinxtraw 2 *external hard drives* ta' 1TB kull waħda (waħda tintuża bħala *back-up*). Dan ser iwassal biex il-Kunsill jifranka mas-€600.00 f' tagħmir elettroniku. Ġie deċiż li jinxtara wkoll *16-port Ethernet Switch* peress li dak eżistenti għandu hsara li ma tissewwix.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fit-8.10pm.

Is-Sindku sejjah laqgħa ohra nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2011, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

# Kunsill Lokali Mgarr

## Cheques issued but need to be confirmed

**From Date 10.11.2010** **To Date 09.12.2010**

| Ref No | Payment | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8586 | Local Council's Association | Laqgha tal-Kunsilliera | 100.00 | |
| 8587 | PC Options | Upgrade for Computer | 75.00 | |
| 8588 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8589 | PC Options | Purchase of Front Office Pc's | 1411.00 | |
| 8590 | Maltapost Stamps | Purchase of Postage Stamps | 57.00 | |
| 8591 | Paul Vella | Cupfire - Firenze - Expenses | 845.25 | |
| 8592 | Eman Vella | Cypfire - Firenze expenses | 422.30 | |
| 8593 | Evan Vassallo | Taste of Europe - 200 DVD's | 200.00 | |
| | | | 3110.55 | |

**Approved on 09.12.2010** **€ 3110.55**

Councillors:

# Kunsill Lokali Mgarr

## Cheques to be confirmed

**From Date 10.11.2010** **To Date 09.12.2010**

| Ref No | Payment | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8594 | Hugh Arnett | Nov'10 - Traffic Management and Consultancy | 93.17 | |
| 8595 | Joanne Vella | Oct/Nov'10 - Librarian Services | 93.28 | |
| 8596 | Nancy Abela | Nov'10 - Cleaning Services | 465.95 | |
| 8597 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8598 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8599 | Ghajn Rasul | Biolmed - Working Sheets | 3377.11 | |
| 8600 | Ghajn Rasul | Biolmed - Hire and Purchase of Agricultural Machinery | 1100.00 | |
| 8601 | Lawrence Bugeja | Water and Transportation | 280.00 | |
| 8602 | Frank Borg | Distribution of Flyers | 130.00 | |
| 8603 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8604 | Avantech | Paper and Waste Toner | 112.81 | |
| 8605 | Eclipse | Stationery | 154.90 | |
| 8606 | Bonnici Borthers | P/p of Triq l-Imqades | 15000.00 | |
| 8607 | Bajada Int. | Service on Photovoltaic | 41.30 | |
| 8608 | Comsec | Telephone Maintenance | 41.30 | |
| 8609 | Smart Office | Biolmed - Stationery for Conference | 116.51 | |
| 8610 | Smart Office | Stationery | 14.96 | |
| 8611 | Go plc | Rent and Calls | 146.35 | |
| 8612 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8613 | Add and Alt | Sept / Oct'10 - Sundries | 320.32 | |
| 8614 | Cleansing | Aug 10 - Services and extra services | 580.50 | |
| 8615 | Firetech | Service on Alarm System | 35.00 | |
| 8616 | Louis Padovani | Jan - June 2010 - Acountancy Services | 1949.97 | |
| 8617 | Adi Ass. | Sept 10 - Mepa Reviews | 75.30 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8618 | Environmental Landscape Cons. | Sept / Oct'10 - Services | 398.32 | |
| 8619 | Eyetech Ltd. | Maintenance on Computers | 41.30 | |
| 8620 | Horace Ent. | Lejla Mgarrija Tokens | 462.00 | |
| 8621 | Corex Int. | Sept / Oct '10 - FSMA | 139.84 | |
| 8622 | Galea Curmi | Aug / Sept '10 | 211.98 | |
| 8623 | Colour Image | Taste of Europe - Brochure | 325.50 | |
| | | | 25707.67 | |
| | | **Approved on 09.12.2010** €| **25707.67** | |

Councillors: